**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Lulju, 2016

Il- Pulizija
(Spt. Maurice Curmi)

-vs-

**Giulio k/a Julius Sciberras**
**detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 384555(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 1404/2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giulio k/a Julius Sciberras talli:

> F' Novembru, 2011, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ircieva minghand Kisinchand Mohnani, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 2016317(P), xi weghda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun, b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi ai termini tal-artikoli 18 u 298C tal-Kodici Kriminali.
>
> Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda self li kien sar mill-imputat li kien jahdem sa mil-1990 bhala *handyman* f'diversi hwienet tal-parte leza, Kishichand Mohnani. L-imputat kien jithallas ta' xogholu *on account* imbaghad fl-ahhar tas-sena kienu jziedu 13% fuqhom.[1] Flimkien mal-hlasijiet dovuti lill-imputat kien hemm ukoll self ta' bejn hames u ghaxart elef li l-imputat ta lill-parte leza sabiex dan tal-ahhar jinvestihom fin-negozju tieghu.[2] Is-self sar, bejn wiehed u iehor, fl-1990.[3] Fl-ahhar ta' kull sena kien issir rendikont fejn kien jigi mnaqqas l-ammont li jkun hallas, l-ammont li l-imputat ikun tah u kienet issir komputazzjoni fuq karta gdida. Id-dokument MC3 jirraprezenta il-komputazzjoni mahduma mill-imputat fejn **l-ewwel data li tirrizulta hi dik tal-1991.** Il-figuri li jidhru jinkludu xoghol maghmul mill-imputat u li ghalhekk kien dovut lilu mill-parte leza.[4] L-imghaxxijiet mhallsa kienu jlahhqu it-tlettax fil-mija (13%) u gieli 13.5%.

L-Ispettur Maurice Curmi jispjega kif fl-1991 s-Sur Mohnani kien issellef madwar tletin elf maltin (LM30,000) minghand l-imputat fejn kien anke accetta li jhallas b'imghax ta' 13%. F'ittra mibghuta minn Dr Leon Bencini, ghall-parte civili, MC1, lill-Pulizija, jinghad li Mohnani baqa jeffetwa pagamenti lill-imputat sas-sena 2000 meta l-kont kien tela` ghal madwar erba u hamsin elf Maltin (LM54,000) u dan minkejja li kienu saru diversi pagamenti. Peress li s-sur Mohnani ma baqax komdu jhallas dawn l-interessi kollha, fis-sena 2000 talab lill-imputat inizzel l-imghaxijiet ghal tmienja fil-mija (8%) izda l-imputat ma accettax ghax ried jithallas f'pagamenti mensili u ghalhekk il-pagamenti twaqqfu. Is-Sur Mohnani kien lest ihallas LM30,000 izda mhux il-kumplament.[5] Is-self kien beda fis-snin

[1] Fol.17
[2] Fol.18, 19
[3] Fol.20
[4] Fol.22
[5] Fol.30-31

'90 u l-imputat baqa' jippretendi l-ammont kollu mill-parte leza sas-sena 2008.

L-accountant Silvio Muscat jixhed li hu kien ghamel komputazzjoni minn fuq dokumenti mghoddija lilu mill-parte leza u kkonkluda li meta is-somma originali ta' LM27,000 li giet mislufa mill-imputat lis-Sur Mohnani, giet mahduma b'interessi ta' tmienja fil-mija (8%), din is-somma sal-31 ta' Mejju, 2011, kellha tkun komplessivament ta' LM30,408 (Euro 70,829)[6] liema somma giet riveduta ghal LM30,156 (Euro 70,242).[7] Silvio Muscat jixhed li **wara s-sena 2000 ma kien sar l-ebda self.**[8] Dan il-fatt gie ukoll kkonfermat minn Dr Leon Bencini.[9] **Jirrizulta wkoll li -ahhar pagamenti li saru minn Mohnani jirrisalu ghas-sena 2000**.[10]

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jaf il-bidu fil-1991 meta l-imputat sellef is-somma lill-parte leza. Dan gie kkonfermat kemm mill-parte leza, l-avukat tieghu, kif ukoll l-accountant tal-parte leza. **Ma sar ebda hlas ulterjuri mill-parte leza u ma kien hemm ebda self iehor wara is-sena 2000.** Hu minnu, kif qalet il-Prosekuzzjoni, li l-imputat baqa' jinsisti li jithallas, inkluz b'interessi li jlahhqu it-tlettax fil-mija, sa mill-inqas it-12 ta' Dicembru, 2007, u dan kif jixhdu dokumenti prezentati fil-qrati civili fil-kors ta' proceduri istitwiti mill-imputat fil-konfront tal-parte leza.[11] Dwar tali pretenzjonijiet il-parte leza kienet determinata li ma thallasx iktar minn dak dovut legalment, tant li rribaddiet bil-qawwa kollha t-talbiet tal-imputat f'dawk il-proceduri.

Illi mill-atti processwali ghalhekk, ma jirrizulta minn imkien li f'xi zmien wara is-sena 2002 l-imputat ircieva jew kiseb mingħand il-parte leza xi wegħda li jingħata, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor b'eċċess minn dak li kien permess bil-liġi. Ghall-kuntrarju u kif intqal **il-weghda, jew kwalunkwe ftehim iehor li seta' kien hemm, sar bejn wiehed u iehor fl-1990 u l-pagamenti twaqqfu mill-parte leza sa mis-sena 2000**.

Illi qabel ma din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonstata x'pagamenti gew effettivament mhallsa in eccess ta' dak permess mill-ligi ai termini tal-

[6] Fol.39-MC2
[7] Fol.45-SM1
[8] Fol.53
[9] Fol.62
[10] Fol. 89 et seq.-PL2
[11] Decizjoni 14 ta' Novembru 2014, Citazz. Nru. 14/2008/1, Qorti Civili Prim Awla; Fol.100

artikolu 298C(5) tal-Kap IX, Ligijiet ta' Malta, ser tikkonsidra il-kwistjoni sollevata mid-difiza dwar in-non retroattivita` tal-ligi penali.

Illi hu ben risaput li l-principju ta' non-retroattivita' ta' ligijiet penali kemm fid-dritt ordinarju penali taht l-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali kif ukoll fid-dritt kostituzzjonali, Artiklu 39(8), u taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hu ristrett specifikatament ghal zewg sitwazzjonijiet ben precizi u cioe (1) fis-sitwazzjoni fejn fatt li ma kienx reat jigi eventwalment kriminalizzat u (2) fejn il-piena komminata ghall-fatt kriminuz tigi eventwalment mibdula (ara s-sentenzi **"Joseph Pico vs L-Avukat Generali"** (Dec. 10.12.91; Qorti Kostituzzjonali, Vol. LXXV, 1991, Pt.I-II, Sez.I); **"Pulizija vs Lawrence Cuschieri"** (Dec. 08.01.92; Qorti Kostituzzjonli, Vol. LXXVI, 1992, Pt.I-II, Sez.I-II) u **"Repubblika ta' Malta vs Ravi Ramani"** (Dec. 24.01.89, Qorti tal-Appell Kriminali, LXXIII, 1989, Pt.III-V; **"Il-Pulizija vs. Edward Joseph O'Connor"** Qorti tal-Appell Kriminali (Dec.17.11.2003); **"Il-Pulizija vs. Vincent Spiteri"** Qorti tal-Appell Kriminali (Dec.26.11.2009); kif ukoll dak li jipprovdi il-Professur Sir A. Mamo fil-'Notes on Criminal Law', Vol. I).

Illi kien biss bl-Att III tal-2002, li l-artiklu 298C iddahhal fil-Kodici Kriminali u sar japplika b'effett mill-1 ta' Mejju, 2002[12], biex b'hekk agir simili bhal dak mwettaq mill-imputat gie regolat u sanzjonat mis-sistema penali ta' pajjizna; agir mill-ahhar irreprensibbli li ma jixrqalu xejn ghajr l-akbar stmerrija, fejn persuni f'diffikulta` finanzjarja jigu sfruttati minn min jinsab f'posizzjoni ekonomikament agevolata u minflok jghinuhom, ikomplu jghaddsuhom l-isfel!

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti, fuq skorta tal-principji "*nullum crimen sine lege"* u "*lex non habet oculos retro",* ma tistax hlief tillibera lil-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[12] A.L.94 tal-2002